DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 3/2007

tas-27 ta' April 2007

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 142/2006 tat-8 ta' Diċembru 2006 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1284/2006 tad-29 ta' Awissu 2006 dwar l-awtorizzazzjoni permanenti ta' ċerti addittivi fl-oġġetti ta' l-għalf ([2]) għandu jiġi inkorporat mal-Ftehim.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1443/2006 tad-29 ta' Settembru 2006 li jikkonċerna l-awtorizzazzjonijiet permanenti ta' ċerti addittivi fl-oġġetti ta' l-għalf u awtorizzazzjoni għal għaxar snin għall-coccidiostat ([3]) għandu jiġi inkorporat mal-Ftehim.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1444/2006 tad-29 ta' Settembru 2006 rigward l-awtorizzazzjoni tal-*Bacillus subtilis* C-3102 (Calsporin) bħala addittiv fl-għalf ([4]) għandu jiġi inkorporat mal-Ftehim.

(5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1445/2006 tad-29 ta' Settembru 2006 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1200/2005 rigward l-awtorizzazzjoni ta' addittiv fl-għalf *"Bacillus cereus* var. *toyoi"*, li jappartjieni għall-grupp ta' mikro-organiżmi ([5]) għandu jiġi inkorporat mal-Ftehim.

(6) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1446/2006 tad-29 ta' Settembru 2006 rigward l-awtorizzazzjoni ta' l-*Enterococcus faecium* (Biomin IMB52) bħala addittiv fl-għalf ([6]) għandu jiġi inkorporat mal-Ftehim.

(7) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1447/2006 tad-29 ta' Settembru 2006 rigward l-awtorizzazzjoni ta' użu ġdid tas-*Saccharomyces cerevisiae* (Biosaf SC 47) bħala addittiv fl-għalf ([7]) għandu jiġi inkorporat mal-Ftehim.

(8) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/77/KE tad-29 ta' Settembru 2006 li temenda l-Anness I għad-Direttiva 2002/32/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar livelli massimi ta' komposti organokloriċi fl-għalf ([8]) għandha tiġi inkorporata mal-Ftehim,

([1]) ĠU L 89, 29.3.2007, p. 8.
([2]) ĠU L 235, 30.8.2006, p. 3.
([3]) ĠU L 271, 30.9.2006, p. 12.
([4]) ĠU L 271, 30.9.2006, p. 19.
([5]) ĠU L 271, 30.9.2006, p. 22.
([6]) ĠU L 271, 30.9.2006, p. 25.
([7]) ĠU L 271, 30.9.2006, p. 28.
([8]) ĠU L 271, 30.9.2006, p. 53.

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Kapitolu II ta' l-Anness I mal-Ftehim għandu jkun emendat kif ġej:

1. Il-punti li ġejjin għandhom jiġu mdaħħla wara l-punt 1zzw (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 773/2006):

"1zzx. **32006 R 1284**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1284/2006 tad-29 ta' Awissu 2006 dwar l-awtorizzazzjonijiet permanenti ta' ċerti addittivi fil-għalf (ĠU L 235, 30.8.2006, p. 3).

1zzy. **32006 R 1443**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1443/2006 tad-29 ta' Settembru 2006 li tikkonċerna l-awtorizzazzjonijiet permanenti ta' ċerti addittivi fl-oġġetti ta' l-għalf u awtorizzazzjoni għal għaxar snin għall-coccidiostat (ĠU L 271, 30.9.2006, p. 12).

1zzz. **32006 R 1444**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1444/2006 tad-29 ta' Settembru 2006 rigward l-awtorizzazzjoni tal-*Bacillus subtilis* C-3102 (Calsporin) bħala addittiv fl-għalf (ĠU L 271, 30.9.2006, p. 19).

1zzza. **32006 R 1446**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1446/2006 tad-29 ta' Settembru 2006 rigward l-awtorizzazzjoni ta' l-*Enterococcus faecium* (Biomin IMB52) bħala addittiv fl-għalf (ĠU L 271, 30.9.2006, p. 25).

1zzzb. **32006 R 1447**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1447/2006 tad-29 ta' Settembru 2006 rigward l-awtorizzazzjoni ta' użu ġdid tas-*Saccharomyces cerevisiae* (Biosaf SC 47) bħala addittiv fl-għalf (ĠU L 271, 30.9.2006, p. 28)."

2. Dan li ġej għandu jiżdied fil-punt 1zzm (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1200/2005):

", kif emendat bi:

— **32006 R 1445**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1445/2006 tad-29 ta' Settembru 2006 (ĠU L 271, 30.9.2006, p. 22)."

3. L-inċiż li ġej għandu jinżdied fil-punt 33 (Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"— **32006 L 0077:** Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/77/KE tad-29 ta' Settembru 2006 (ĠU L 271, 30.9.2006, p. 53)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti (KE) Numri 1284/2006, 1443/2006, 1444/2006, 1445/2006, 1446/2006 u 1447/2006 u tad-Direttiva 2006/77/KE fil-lingwi Iżlandiża u Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-28 ta' April 2007, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

(*) Ebda ħtiġijiet kostituzzjonali m'huma indikati.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippublikata fis-Sezzjoni ŻEE u fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' April 2007.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Alan SEATTER